KUNSILL LOKALI
**M O S T A**
LOCAL COUNCIL

MINUTI
Laqgħa tal-Kunsill Lokali Mosta
Tmien LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 4 Erbgħa 21 ta' Awwissu 2019

Il-Kunsilli Lokali Mosta ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Ċentru Ċiviku, Triq Il-Kostituzzjoni, fis-6:40 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:
Romilda Baldacchino Zarb – Sindku
Christopher Grech – Viċi-Sindku
Keith Cassar - Kunsillier
Francis Deguara – Kunsillier
Angele Rapa - Kunsillier
Joseph Gatt- Kunsillier
Rachel Abela – Kunsillier
Shirley Abela – Kunsillier
Aiken Zerafa – Kunsillier
Maria Pia Bonnici – Kunsillier
Mario Victor Camilleri – Kunsillier
Joseph Edward Howard – Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):
Mikhail Micallef -Kunsillier

ASSENTI

MISTIEDNA
Daniel Galea (Accountant)

UFFIĊJAL PREŻENTI:
Lorraine Templeman – Segretarju Eżekuttiv

Minuti
Is-Sindku Romilda Baldacchino Zarb ippresediet l-laqgħa.

**4.1** Qari tal-ittri ta' apoloġiji
Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat u qrat l-ittri ta' apoloġija, ta' Mikhail Micallef. Il-membri preżenti unanimament aċċettaw l-ittra ta' apoloġija.

4.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru 3
Il-Kunsillier Camilleri talab biex jitkellem qabel ma nibdew l-aġenda item 4.2.
Il-Kunsillier Camilleri qal li issa l-Kunsilliera qegħdin hemm biex naħdmu flimkien, u għalhekk din li npoġġu madwar il-mejda separati bħala partiti m'għandux jkun.

REF: 3.3.13 Kommunikazzjoni mis-Sindku – Sistema ta' software
Il-Kunsilliera Bonnici staqsiet kif bqajna fuq dan is-software. Is-Sindku nfurmat li għad irridu nġibu kwotazjonijiet oħra.

REF: 3.4.9 Ġieħ il-Mosta
Il-Kunsillier Cassar staqsa jekk hux ser jkun hemm sotto kumitat, min huma l-membri fil-bord u jekk ġewx approvati fil-laqgħa tal-Kunsill.
Is-Sindku nfurmat li fl-aħħar laqgħa l-membri preżenti approvaw biss li jkun hemm bord, u l-persuni li ħa jkunu fil-bord ma ssemmewx l-ismijiet tagħhom. Il-Kunsillier Cassar qal li jistaw jiġu kkonfermati u approvati fil-laqgħa tal-lum.
Is-Sindku nfurmat li dawn huma; Joe Quattromani, Norma Cristina u Temi Scicluna.

Il-membri preżenti approvaw unanimament.

REF: 3.3.9 Kommunikazzjoni mis-Sindku – Sublease tat-Tarġa Battery
Il-Kunsillier Cassar saqsa jekk ġiex iffirmat l-*agreement*. Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li qed tistenna mingħand l-għaqdiet biex jiffirmawħ u jġibu l-kopji l-Kunsill għal-firma.

REF: 3.4.8 Funtani
Il-Kunsillier Cassar talab *update* lil-Kunsillier Camilleri. Il-Kunsillier Camilleri nforma li għalkemm tnaddfu l-MTIP għadhom qed jsibu diffikulta biex jsibu *float valve* li toqgħod fil-funtana għax li sabu huma kbar u ma jixtiequx jitkissru. Qal wkoll li xi ħadd reġa xagħal l-funtani. Idealment dawn jibqaw mitfijin u jintefa l-main tagħhom sakemm jissewwew.

REF: 3.4.26 Water Points
Il-Kunsillier Cassar qal li għalkemm hemm bżonn ta' ilma, ma jaqbilx ma din il-proposta ta' *water points* fil-Pjazza, wkoll peress li Kunsilli ta' qabel dejjem kienu qablu li ma jkunx hemm skemi ta' riklamar, u għalhekk jkun aħjar li nsibu post ieħor.
Il-Kunsilliera Bonnici nfurmat li dik hija deċizjoni tal-Kunsill u għalhekk jagħżel il-Kunsill x'jippermetti li jkun hemm fil-Pjazza, qalet wkoll li għad trid issir laqgħa biex nġibu iktar informazzjoni. Tajjeb li ngħidu grazzi għal *waterpoints* ser ngħinu biex innaqqsu l-użu ta' *plastic*.

Il-Kunsillier Camilleri nforma li l-idea hija li persuna jista jieħu flixkun u jimla min dawn it-tip ta' *water points.*

Il-membri preżenti unanimament approvaw il-minuti tal-laqgħa numru 3.

Fis-7:00pm saret sospensjoni tal-minuti biex jinqara 'l- Quarterly Report 2- April to June 2019, aġenda *item* 4.5.3.

4.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku /Korrispondenza

4.3.1 Kommunikazzjoni mis-Sindku – Tneħħija ta' Bring in Sites
Is-Sindku ressqet proposta biex jitneħħew il-ħames Bring in Sites madwar il-Mosta minħabba abbużi għax qed nispiċċaw b'ammont kbir ta' lmenti fuq ħmieġ li jitħalla ma' barra ta' dawn l-bring in sites.

Il-ħames Bring in Sites huma:

- Triq il-Kartaġiniżi, Sta. Margerita
- Triq Inkurunazzjoni, Żokkrija
- Triq Mons. Edgar Salamone, Żokkrija
- Triq Gio. Maria Camilleri, Blata l-Għolja
- Triq Don Alvaro De Sande, Ċentru

Il-membri preżenti qablu unanimament biex jitneħħew il-Bring in Sites u jinstab post ieħor li ma jkunx f'żona residenzjali, u li nitolbu servizz ieħor lil kuntrattur ġewwa l-Mosta, billi jdaħħal *truck* ieħor bħala kumpens talli ħa jitneħħew il-Bring in Sites.

**4.3.2 Kommunikazzjoni mis-Sindku – Skart**

Is-Sindku nfurmat li l-kuntrattur ser jiġi mogħti ġurnata li tkun *deadline,* li minn dakinhar il-quddiem ma jibqax jinġabar skart li mhux suppost inħareġ f'dik il-ġurnata.
Għalhekk, flimkien mal-Kunsillier Howard ħa jsir pjan edukativ u ser tinbgħat ittra li tispjega liema boroż suppost jinħarġu u f'liema ġurnata. Qed nirċievu lmenti li l-kuntrattur qed jħallat il-boroż għax-xorta qed jiġbor boroż li jinħarġu mhux skont l-iskeda, u meta ma jiġboromx nirċievu lmenti li hemm il-ħmieġ.

Fis 7:37pm daħlet għal laqgħa l-Kunsilliera Angele Rapa.

Is-Sindku nfurmat wkoll li issa fil-Mosta sar għandna l-LESA Green Wardens, li qed jduru l-lokalita, u il-Kunsilliera Bonnici ħa tibda tella kuljum fuq facebook, liema borża ta' l-iskart jkun jmiss.

Il-Kunsilliera Bonnici staqsiet kemm hu possibli li l-borża ta' l-*organic* tibda tinġabar filgħaxijiet, għax qed tinħareġ filgħodu u qabel is-sagħtejn ta' wara nofs inhar mhux tinġabar. Il-Kunsillier Cassar qal li din probabli mhux possibli għax il-kuntratturi marbutin bil-ħinijiet x'ħin jmorru jarmu fil-*landfills.* Aparti wkoll li l-kuntrattur tagħna jħalli l-*organic* għall-aħħar għax jrid jmur jarmi Marsaskala. Għalhekk, idealment niftehmu l-Kunsilli kollha tar-reġjun biex jarmu l-Magħtab, imbagħad tieħu ħsieb il-Wasteserv. Din il-materja għandna ntellawa waqt laqgħa tar-Reġjun. Is-Sindku nfurmat wkoll li jekk il-kuntrattur jiġbor l-*organic* l-ewwel, dawn jaqaw aktar lura fil-ħin, għax wara li jinġabru l-boroż ta' l-*organic*, it-truck jrid jinħasel.

Il-membri preżenti qablu li għanda ssir laqgħa mal-kuntrattur biex naraw x'jista jsir, mod speċjalament fiż-żminijiet tas-sajf, biex l-*organic* ma titħalliex ħin twil barra sakemm tinġabar.

**4.3.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku – Dwar Ħasil**

Is-Sindku nfurmat li din is-sena fl-ewwel laqgħa tal-kunsill ġie approvat li l-ħasil tal-Pjazza kellu jsir sat-3 t'Awwissu. Iżda bejn il-lejl tat-8 għad-9 t'Awwissu nħaslet il-Pjazza, apparti l-ħasil ta' *culverts* tal-Pjazza. Jekk *culverts* ikun hemm bżonn li jkunu *flushed* dan ix-xogħol għandu jsir qabel ma' jintrama l-armar. Anke ħasil mhemmx preferenzi bejn soċjeta u oħra meta jorganizzaw kunċerti.

**4.3.4 Kommunikazzjoni mis-Sindku – Triq il-Fortizza tal-Mosta**

Is-Sindku nfurmat lil-membri dwar id-disgrazzja li ġrat fuq il-pont Triq il-Fortizza tal-Mosta. Għalkemm id-disgrazzja ma ġratx fejn hemm il-grada ftit imbexxqa, dan huwa ftuħ li m'għandhiex inħalluh hekk, allura l-handyman tal-Kunsill ġie nfurmat biex jieħu ħsieb jgħalaq dan il-ftuħ tal-grada temporanjament. Il-*fence* tal-ħadid kienet saret mil-Works Department, għalhekk is-Sindku nfurmat lil membri preżenti li qegħda f'kuntatt ma' l-Onor. Muscat biex tal

Works Department jiġu fuq il-post u jgħinuna biex jingħalqu l-gradi sew, biex ma jkunx hemm ftuħ.

**4.3.5 Kommunikazzjoni mis-Sindku – Żewġ airconditions fil-Librerija**
Is-Sindku nfurmat li fid-9 t'Awwissu ġew installati żewġ *airconditions* fil-librerija. L-impjegati tal-librerija bgħatu jirringrazzjawna.

**4.3.6 Kommunikazzjoni mis-Sindku – Air Curtain fil-librerija**
Is-Sindku nfurmat li hemm bżonn ssir *air curtain*, peress li l-*airconditions* qed jibqaw għadejjin jaħdmu meta l-bieb tal-librerija jkun miftuħ. Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li l-Kunsill għamilna molla mal-bieb, u meta jidħol persuna, awtomatikament il-bieb jingħalaq wara l-persuna li tkun daħlet, u għalhekk jista jsir l-istess fil-librerija.
Is-Segretarju Eżekuttiv ħa tinforma lil-handyman.

4.3.7 Kommunikazzjoni mis-Sindku – Air condition fil-kamra tal-Kunsilliera
Is-Sindku nfurmat li hemm bżonn jsir *aircondition* fil-kamra tal-Kunsilliera, peress li dan antik u ma jaħdimx sew, u issa din il-kamra ħa tintuża bħala uffiċju għall-impjegati ġodda. Kif wkoll li telephone ma jaħdimx. Is-Segretarju Ezekuttiv nfurmat li ġie ordnat set tat-telephone għax bħalissa li hemm ma jaħdimx, u trid tikkonferma wkoll mal-GO jekk nistawx nżidu żewġ extensions oħra, kif wkoll x'sistema t' *software* ħa jkollna, mqabbda mat-*telephones.*

Il-Kunsillier Cassar issuġerixxa li nagħmlu sistema ta' VRF biex ma jkunx hemm iktar *stand alone outdoor units* għal kull AC li għanda fl-uffiċini, għax fuq il-bejt m'hemmx post aktar. Il-Viċi Sindku ħa jkellem lil engineer.
Il-membri preżenti qablu unanimament.

4.3.8 Kommunikazzjoni mis-Sindku – Għaqda Ħbieb tal-Presepji
Is-Sindku nfurmat li ħa jerġa jsir il-kors presepistiku mis-26 sad-29 ta' Settembru 2019. L-għaqda talbu lil-Kunsill biex nipprovdulhom s-sala tal-komunita b'xejn, PA system li taħdem flimkien mall-microphone, café u biskuttini.
Il-membri preżenti qablu unanimament.

4.3.9 Kommunikazzjoni mis-Sindku – Formola Kontrol tal-Hamiem
Is-Sindku nfurmat li ġiet iċ-ċirkulata Cir AKL 2019/086 Żoni Problematiċi fil-Lokalita' - Kontroll tal-Ħamiem, li ntbgħatet mil-AKL.

Il-Kunsill ħa japplika fuq dawn iż-żoni:
- Pjazza Rotunda
- Triq il-Kungress Ewkaristiku
- Triq Sant Anna
- Triq il-Barrieri
- Triq Sant Anton Abbati
- Triq il-Wied
- Triq 9 ta' April

Il-membri preżenti qablu unanimament.

### 4.3.10 Kommunikazzjoni mis-Sindku – Kwistjoni li nqalgħet dwar żż-żbir tas-sigar fi pjazza Anglu Gatt, ta'quddiem il-Brema.

Is-Sindku nfurmat li fi Pjazza Anġlu Gatt is-siġar kellhom jinqataw drastikament peress li kien hemm il-*cables* ta' l-elettriku mqabdin. It-tirqim u ż-żbir ħafif jistgħu wkoll jirrikjedu permess, sakemm dan ma jaqax taħt waħda mill-eżenzjonijiet ikkontemplati fir-regolamenti bħal f'każijiet ta 'emerġenza u ta' periklu gravi. Dawn inqataw skont il-konsulent minħabba l-periklu li kien hemm għax siġar huma *conductors* tad-dawl.
Minn issa 'l quddiem kull darba li jkun hemm bżonn żbir, anke jekk il-Kunsill jidirlu li jista jkun hemm periklu, xorta rridu napplikaw ma l-ERA u nistennew l-approvazzjoni tagħhom. Dan irid jsir għall kull tip ta' żbir, mhux biss għal siġar u/jew arbuxell li jkun protett biss. Mal-formola nkunu irridu mhux biss nissottomettu dokumenti, imma anke pagament. Il-bieraħ il-Kunsillier Howard semma li hemm siġra n-naħa tal-ġibjun li hija perikoluża, u għalhekk ġie mitlub lil-Kunsillier Howard biex jinforma lis-Sindku fejn qegħda ħalli nitkellmu mal-kuntrattur biex napplikaw ma l-ERA ħalli tittieħed azzjoni.

Is-Sindku ssuġeriet biex nerġaw niżraw madwar 23 qasrija li huma mejtin, fi Vjal Indipendenza, Sqaq Kurat Calleja u l-Pjazza. Il-Kunsillier Cassar qal li l-Kunsill preċedenti kien approva 10,000 Ewro liema spiża qatt ma ntefqet għax kien hemm dewmien biex jinġabru l-kwotazjonijiet, biex jinbidlu l-*pots* u l-qsari tal-Pjazza. Aparti li s-somma ta' 10,000 Ewro kienet ser tinqasam bin-nofs biex ma nidħlux f-*tender* minħabba ż-żmien qasir.

Is-Sindku nfurmat li kelmet lil-Kuntrattur biex jinxtraw dawn it-23 qasrija, pero' l-kuntrattur nfurmaħa li dawn ilhom mejtin mil-kuntrattur ta' qabel, u ma ġewx kwotati fit-tender għal din ir-raġuni. Is-Sindku nfurmat li ġiet mitluba mil-kuntrattur 60 Ewro fil-ġimgħa għal-tmien xhur għat-tisqija, u għalhekk ħa niċċekjaw i-kuntratt.

Il-Kunsillier Cassar nforma li fiż-żmien l-eks Sindku Shirley Farrugia, konna ġibna 40,000 Ewro f'fondi għal-qsari. Il-fondi komplew jintefqu fiż-żmien l-eks Sindku Edwin Vassallo fejn inżeraw rand u siġar taż-żebbuġ. Il-Kunsill kien talab d-dipartiment jekk nistawx nonfqu 20,000 Ewro fi qsari, u l-kumplament ta' 20,000 Ewro f'tisqijja, imma t-talba ġiet irrifjutata. Riċentement l-Kunsill tan-Naxxar ibbenefikaw min din l-iskema u qasmu l-fondi fi qsari u manutenzjoni. Qal wkoll li meta r-rand kien spiċċa fi zkuk, kollox niexef u *pots* mkissrin u bla plattini, fiż-żmien li kien Sindku neħħa kollox, fejn il-ħamrija ġiet użata f'tat Tarġa Battery.

Il-Kunsillier Cassar qabel mal-Viċi Sindku li l-Pjazza jixraqila *pots* u siġar kbar u sbieħ. Il-Viċi Sindku qal li filkas inqabdu *landscaper,* u l-kuntrattur tagħna jidħol fuq manutenzjoni. Il-Kunsillier Cassar qal li jekk l-kuntrattur tagħna marbut jieħu ħsieb per eżempju 20 siġra, dak li l-Kunsill jżid, l-ispejjes żejda jrid jġorrhom il-Kunsill.

### 4.3.11 Kommunikazzjoni mis-Sindku – Skema MCCF

Is-Sindku nfurmat lil membri li din l-inizjattiva tnediet mil-AKL. Min jixtieq jikkontribwixxi it-2.33 Euro għal-MCCF, jinforma lis-Segretarju Eżekuttiv.
Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat lil-membri preżenti li ħa tibgħat l-komunikazzjoni li kienu bgħatu l-AKL, fejn hemm l-informazjoni kollha dwar din l-inizjattiva.

### 4.3.12 Kommunikazzjoni mis-Sindku – Skema Finanzjarja favur il-Komunita' – Community Inclusive Employment Scheme

Is-Sindku nfurmat li imlejna l-applikazzjoni għal-din l-iskema, biex jkollna *community worker*. Il-Kunsill kull ma jħallas huwa l-kontribuzjoni soċjali.

4.3.13 Kommunikazzjoni mis-Sindku – Laqgħa mas-Sindki, Kunsilliera u Segretarji Eżekuttivi 28/08/2019

Is-Sindku nfurmat lil membri preżenti biex ma jinsewx japplikaw/jirreġistraw għal-laqgħat li jkun hemm.

Il-bieraħ kelna laqgħa mal-President tal-AKL u żewġ kunsilliera biss attendew flimkien mas Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv. F'din il-laqgħa tajna ħarsa lejn l-Mous li l-Assoċjazzjoni iffirmat tul dawn l-aħħar xhur, ir-responsabilitajiet u d-drittijiet tal-Kunsilli Lokali.

Il-laqgħa li jmiss ħa ssir fis-Sala tal-Assoċjazzjoni Marsa, nhar it-28 ta' Awwissu fil-5:00pm. Matul din il-laqgħa ser nagħtu ħarsa lejn lista ta' ċirkulari li għadhom applikabbli. L-iskop hu li l-Kunsilliera u Sindki Eletti ġodda, jkollhom għarfien ta' dak li sar fl-aħħar sentejn.

4.3.14 – Kommunikazzjoni mis-Sindku – Reġistrazzjoni għas-Sessjoni ta' Taħriġ għall-Membri Eletti 14/09/2019

Is-Sindku nfurmat li ħa jsir taħriġ għall-membri Eletti fil-Lukanda Dolmen, Buġibba, nhar is-Sibt, 14 ta' Settembru 2019 fid-9am. Ħlas huwa ta' €65 Ewro, u ser jitħallas mil-Kunsilliera / Kunsill.

4.3.15 – Kommunikazzjoni mis-Sindku – **Għaddiet il-festa**

Is-Sindku nfurmat li issa li għaddiet il-festa hemm bżonn li nibdew nippreparaw biex jitfasslu set ta' *bye-laws* ġodda marbutin mal-festa, biex jiġu reveduti l-ħlas tal-permessi tal-gabbani biex jirriflettu dawk tat-*tables and chairs.*

Il-Kunsillier Cassar nforma li din kien ipprova jgħamila fiż-żmien li kien Sindku, u ma setax. Ir-raġuni hija mod speċjalment fil-gabbani ta' wara l-Ġnien Reggie Cilia, li minn 2008 sa 2012 il-gabbani reġistrati min 33 telaw għal-47, u jekk xi ħadd minnhom ma jarmax, il-Kunsill ma jistax jwaqqaf lil sid ta' gabbana biex ma jarmax is-sena ta' wara, għax il-liġi ma tippermettix. Dawn jekk jħallsu l-permess, posthom għas-sena ta' wara jkun tagħhom, u jekk ma jħallsux il-Kunsill jista joħdilhom il-permess. Il-ftehim ta' bejnithom huwa li jħallsu ta' xulxin bl-ID cards ta' xulxin, li hija prassi normalissima f'kull raħal, u jekk nduru l-festi, aħna biss nimmarkawlhom l-post fejn iridu joqgħodu, imma joqgħodu fejn ifetlilhom.

Il-Kunsillier Cassar semma wkoll li meta kien ċaqlaq gabbana bi tlett metri, biex jħalli libera l-entratura tal-Ġnien Reggie Cilia, ġie mhedded minn sid il-gabbana bil-qorti u li ħa jġiblu l-Pulizija. Dawn għandhom saħħa kbira, u għalhekk ir-rizorsi tal-Kunsill aħjar li jintużaw fuq affarijiet li nistaw naħdmu, għax fejn jidħlu gabbani mil-esperjenza, mhux ħa naslu.

Il-Kunsillier Camilleri staqsa ta' x'hiex jħallsu meta sid ta' restaurant jew każin japplikaw għat-*tables and chairs*. Il-Kunsillier Cassar infurmaħ li jħallsu ta' kull metru kwadru sa massimu ta' 60 metru kwadru. Il-ħlas huwa ta' 1.16 Ewro kuljum għal kull metru kwadru.

Il-Kunsillier Camilleri qal wkoll li din il-kwistjoni tat-*tables and chairs* hemm bżonn li nikkunsidrawa sewwa għax il-festa tagħna saret qisna sejrin xi Oktoberfest, paganiżmu sfrenat, festa ddominata min mwejjed u siġġijiet, fejn jkollok ġranet li l-anqas il-marċ ma jkun jista jgħaddi.

Il-Kunsillier Howard staqsa jekk nistawx nżommulhom depożitu biex jnaddfu warajhom, u min ma jnaddafx jitlef id-depożitu. Il-Kunsillier Cassar nforma li l-kundizzjonijiet marbutin mal-permess li jħallsu, diġa jkopri li jridu jżommu nadif. Is-Sindku spjegat li d-depożitu jingħata

lura jekk jħallu nadif, għax huwa ċar li għalkemm marbutin li jnaddfu skont il-permess, dan mhux qed jgħamluħ.

Il-Viċi Sindku qal li għax m'hemx infurzar ma tistax taqtagħhom, u għalhekk jrid jsir l-infurzar għalkemm kull sena jinfurmaw lil-Pulizija li ma jgħaddux, u xorta tiġi l-festa ta' wara u tibqa l-istess problema. Din hija problema għax il-Pulizja stess m'għandhomx biex jaħdmu, għax biex jgħalaq triq jitolbuk il-*wardens*, il-*barriers*, u jekk jkollhom *barriers available* jsaqsuk jekk tistax iġġorromlhom wkoll.
Il-Kunsillier Cassar peres li f'idejħ għandu d-dekasteru tal-festi, talab biex jieħu ħsieb din il-materja.

**4.3.16 – Kommunikazzjoni mis-Sindku – Information box Pjazza u Speranza**
Is-Sindku nfurmat li hemm bżonn li jitneħħew l-*information boxes*, peress li dawn antiki ‚Pero' qabel ħa niċċekjaw il-kuntratti.
Il-Kunsillier Cassar nforma li dawn saru b'fondi ta' l-Unjoni Ewropea u tal-Archeotour. Kif insterqu is-CCTV cameras ta' Wied Speranza il-Kunsill ma reġax għamilhom, u meta fl-2018 ġew uffiċjali mil-Ministeru, u ndunaw li m'hemmx il-*cameras* talbuna biex jerġaw jsiru, inkella rridu nirrifondu lura l-fondi li kienu ngħataw lil-Kunsill fuq dan il-proġett, u għalhekk l-Kunsill reġa għamilhom.

Is-Sindku nfurmat li ħa naraw il-kuntratti xi jgħidu, u jekk ma nistawx naqalawhom, jridu jsiru ġodda.

**4.3.17 – Kommunikazzjoni mis-Sindku – opening of Gieħ il-Mosta / Rikonoxximent**
Is-Sindku nfurmat li ħa tiġi estiża l-applikazjoni għal-min jixtieq japplika, u għalhekk ħa nibqaw naċċettaw l-applikazzjonijiet tan-nomini sas-27 ta' Awwissu sa 12:00pm.

**4.3.18 – Korrispondenza – Email Quotations Fujitsu Core I3 Pcs**
Is-Sindku nfurmat li rridu nixtru 3 PC's għal-impjegati l-ġodda.
Il-membri preżenti qablu li l-PC's ta' l-uffiċini jkunu iCore 5 mhux 3.
Il-Kunsillier Cassar ħa jgħamel ir-rakomandazzjonijiet tiegħu, skont l-ispecs li nirċievu.

**4.3.19 – Korrispondenza – Email Quotations for antivirus Software**
Il-membri preżenti qablu li l-PC's ta' l-uffiċini jiġi installat l-*antivirus software.*

**4.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

**4.4.1 – Fanali Antiki**
Il-Viċi Sindku nforma li rridu napplikaw għal-fanali antiki kif diġa saru f'toroq oħra mid-Development Fund. Il-Kunsillier Cassar nforma lil-Viċi Sindku biex meta ssir l-applikazjoni nitolbu biex jkun l-istess *supplier* u nkomplu fuq l-istess stil ta' fanali li saru biex ma jkunux differenti, mod speċjalment fejn irridu nkomplu fuq l-istess toroq.

**4.4.2 - Scaffolding**
Il-Viċi Sindku qal li qed nitilfu ħafna flus fuq permessi ta' *scaffoldings,* fejn suppost qed niċċarġjaw 1.16 Ewro għal kul metru kwadru, irrelevanti jekk jkunx hemm aċċess biex tgħaddi min taħtu jew le. Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li kienet tkelmet mal-Ono. Silvio Parnis fuq din il-materja biex tiġi ċċarata l-liġi, għax il-liġi tgħid biss li *scaffolding* ma jridx jkun ta' żgombru. Għalhekk, niċċarġjaw biss meta l-aċċess jkun inqas min 1.2 metri.

Il-Kunsillier Cassar żied jgħid li meta konna dejjem niċċarġjaw, intbgħat rikors lil Ombudsman fejn id-DLG talabna biex nirrifondu l-flus lura.

**4.4.3 – Fanali tal-Pjazza**
Il-Viċi Sindku qal li meta ġie l-kuntrattur jirranġa l-bozzoz tal-Pjazza, dawk li kienu maqtugħin, il-kuntrattur nforma lil Viċi Sindku li l-fanali s-suwed tal-Pjazza, irridu naħsbu biex jinbidlu għax m'għadhomx jingħalqu sewwa.
Il-Kunsillier Cassar ipropona li jsir proġett fuq *embellishment* tal-Pjazza, fejn ninkludu l-pjanti wkoll.

**4.4.4 – Fanali tal-Pjazza**
Il-Viċi Sindku nforma li s-Sur Galea tal-A&J, ressaq suġġeriment biex ngħamlu *sports equipment* fil-ġnien l-Għarusa tal-Mosta. Il-Kunsillier Cassar nforma li dan ħa jsir mil-Gvern Ċentrali għax hemm *banner* fil-ġnien fuq dan il-proġett, għalhekk ma naħlux flus fuq affarijiet li ser jidħol il-Gvern Ċentrali għalihom. Il-Viċi Sindku qal li meta tkellem mad-Direttur ta' Ambjent Malta nfurmaħ li bħala xogħolijiet ma fadal xejn iktar xi jsir ħlief il-*playing field* għat-tfal. Il-Viċi Sindku qal li s-suġġeriment mhux biex jsir *outdoor gym* imma biex jsir *training equipment.*
Il-Kunsillier Zerafa ntalab biex jieħu nota, bħala persuna responsabbli mid-dekasteru ta' l-isports.

**4.4.5 – Road Markings**
Il-Viċi Sindku talab biex jsiru r-*road markings* fi Triq Wied is-Sir, liema triq saret bit-tarmac. Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li l-ewwel *road markings* ta' kull triq li ssir, dawn jsiru min Transport Malta. Għalhekk, ħa nibgħatulhom *email* biex jżommuwna nfurmati meta ħa jsiru.

**4.4.6 – Sleeping Police**
Il-Viċi Sindku ressaq talba biex issir *sleeping police* quddiem l-Army Surplus, f'Main Street.
Il-Kunsillier Cassar nforma li diġa konna applikajna u ġiet irrifjutata min Transport Malta, għax *main road.* Il-Kunsilliera Bonnici talbet biex nerġaw napplikaw, forsi nitolbu *speed moderator* minflok *sleeping police.*

**4.4.7 – Triq il-Bistra**
Il-Viċi Sindku nforma li hemm ħafna ħmieġ ġo triq il-Bistra, biex nibgħatu lil-kuntrattur jnaddaf. Is-Segretarju Eżekuttiv reġgħet fakkret biex materji bħal-dawn li ma hemx bżonn deċizjoni tal-Kunsill, jintbgħatu b-*email* fuq mosta.lc, ħalli nmexxu mil-ewwel min naħa ta' *back office*.

**4.4.8 – Triq Papa Giovanni**
Il-Viċi Sindku nforma li fi Triq Papa Giovanni qed jsiru *disabled parking bays 'resident only'.* Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li dawn it-tip ta' *parking bays* li jkunu għal-residenti b'diżabilita hija ġdida u qatt ma semgħet bihom. Nfurmat lil membri preżenti, li Transport Malta id-*disabled parking bays* is-soltu tgħamilhom blue li jkunu biex jintużaw min kul min għandu il-*blue badge.*
Il-Viċi nforma li hawn żewġ toroq fil-Mosta li huma hekk. Il-Kunsilliera R. Abela talbet lil Viċi Sindku biex jikkonferma fejn eżatt ħalli tikkonferma min naħa tagħha.

**4.4.9 – Triq Fabrizio Bartolo**
Il-Viċi Sindku nforma li t-tabelli ma sarux kif konna ftehmna fil-laqgħa pubblika. Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li meta mar il-handyman tal-Kunsill biex jirranġhom, kien hemm min waqfu.

Peress li ħa ssir laqgħa oħra mar-residenti f'Settembru, ħa naraw waqt il-laqgħa pubblika li jmiss x'jaħsbu r-residenti.

**4.4.10 – Victoria Lines u Xelter**

Il-Viċi Sindku nforma li mal-Ministeru tat-Turiżmu tkellem u ltaqa' mal-Perit Kevin Fsadni, biex jgħamlulna xi xogħol il-Ġnien l-Għarusa tal-Mosta. Il-Perit Fsadni talab biex il-Kunsill jgħamel il-proposti tiegħu, u l-Viċi ssuġerixxa lil membri preżenti li jsir ir-restawr tal-Victoria Lines u tax-Xelter. Is-Segretarju Eżekuttiv ħadet nota biex tara jekk għandhiex il-pjanti tax-xelter biex tibgħathom lil Viċi Sindku.

**4.4.11 – Mobile Toilets**

Il-Kunsilliera Bonnici Staqsiet kemm ser jitħallas is-*supplier* li ġab il-*mobile toilets* fiż-żmien il-festa. Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li ħa jitħalla ta' tnejn li ordnajna.
Il-Kunsilliera Bonnici nfurmat li s-*supplier* ġab *mobile toilet* wieħed, u ħa *mobile toilet* li ġie ordnat u mħallas mil-*barman* ta' l-għaqda Nicolo' Isouard.
Is-Segretarju Eżekuttiv ħadet nota biex jitħallas ta' wieħed.

**4.4.12 – Baby Clinic**

Il-Kunsilliera Bonnici nfurmat li bgħatet *email* biex ssir tabella tan-*no smoking* mal-bieb tal-*baby clinic.*

**4.4.13 – Trejqa fejn il-LIDL**

Il-Kunsilliera Bonnici nfurmat li hemm trejqa fejn il-LIDL li hemm bżonn tinkines. Il-Kunsillier Cassar nforma li din triq bla isem u mhux parti mil-kuntratt, u ssuġerixxa li peress li din it-triq dejqa, jsiru żewġ *bollards*, għax jekk jkun hemm xi ħadd bil-mixi u tgħaddi karozza, persuna ma jkollhiex fejn tmur.

**4.4.14 – Ħarġa tal-Kunsill**

Il-Kunsilliera R. Abela nfurmat li l-ħarġa li jmiss ħa tkun Palm Beach l-Armier, nhar it-28 ta' Awwissu.

**4.4.15 – Pjanti fuq Bankini.**

Il-Kunsillier Camilleri staqsa x'nistaw ngħamlu meta residenti jgħamlu xi pjanta fuq il-bankina, u jgħalqu u/jew jirrestrinġu l-aċċess. Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li mhux permess li residenti joħorġu jew jiżraw xi pjanta fi spazju pubbliku, sakemm il-bankina mhux wiesgħa biżżejjed.
Dan hemm bżonn li jsir infurzar madwar il-Mosta kollha, għax qed jispiċċa jiżbor il-kuntrattur tal-Kunsill, u r-residenti qishom ħaduwa drawwa. Dan l-istess persuna tkellimna fuqu mas-Supretendent, u kellu jmur ikellem lir-resident.

Is-Segretarju Eżekuttiv ħadet nota biex tintbgħat ittra lir-residenti tal-Mosta kollha, biex kull min għandu siġra jrid jżomma l-ġewwa fil-proprjeta tiegħu/tagħha, inkella ser jittieħdu passi. Fl-istess ittra ħa jiġu kkupjati l-Pulizija u LESA.

**4.4.16 – Triq Charles J. Vassallo**

Il-Kunsillier Camilleri fakkar li kien bagħat korrispondenza li hemm tabella mkissra fi Triq Charles J. Vassallo, u din ġiet ordnata f'Lulju. Is-Segretarju Eżekuttiv ħadet nota biex tiċċekja f'hiex waslet.

Fit 8:58pm il-Kunsillier Joseph Edward Howard talab biex jkun skużat.

### 4.4.17 – Triq Sant Anna k/m Triq Stivala

Il-Kunsillier Camilleri nforma li qed jisfronda t-tarmac fi Triq Sant Anna k/m Triq Stivala. Din ġiet irrapurtata f'Lulju. Is-Segretarju Eżekuttiv ħadet nota.

### 4.4.18 – Triq Karlu Darmanin

Il-Kunsillier Gatt nforma li hemm *soft area*, Triq Karlu Darmanin k/m Triq Caruana Dingli, fejn hemm xi residenti li jixtiequ jiżiraw 5 siġar taż-żebbuġ u waħda tal-ħarrub, u jieħdu ħsiebhom huma. Il-Kunsillier Gatt informa li dawn is-siġar ħa joħroġhom minn butuu tnejn sponsorjati.

Il-Kunsillier Cassar nforma li kien hemm pjan biex il-parti tal-ħamrija li mhux utilizzata, jitneħħa il-kubu li ġie vandalizzat, titlaq parti mis-*soft area* li m'hemm xejn fija u jiżdied il-parkeġġ fejn jistaw faċilment joqgħodu mat- 8 sa 10 vetturi.

Il-Kunsillier Gatt staqsa jekk jistax jiġi indikat sit fejn jistaw jinżraw dawn is-siġar, u l-Kunsillier Cassar nforma li dawn jistaw jinżraw tat-Targa Battery għax hemm bżonn li jinżraw is-siġar, minħabba wkoll l-iskop tas-sanctioning tal-ħamrija.

Il-Kunsilliera Bonnici talbet lil Kunsillier Cassar biex jgħatija kuntatt tal-persuna responsabbli mil-iscouts li qed tieħu ħsieb tat-Targa Battery, għax għanda kuntatt ta' persuna min Moviment Graffiti tat-Tree for You, li jixtiequ jiżraw mat-30 sa 100 siġra.

Is-Sindku nfurmat li hemm wkoll ż-żona tal-Blata l-Għolja li ħa napplikaw għas-sistema ta' irigazzjoni. Il-Kunsillier Gatt talab biex jinżamm nfurmat għal-meta jkun hemm bżonn li jitħawlu dawn is-siġar.

### 4.4.19 – Pjazza Tabib Chetcuti u Pjazza Enrico Mizzi

Il-Kunsillier Gatt ssuġerixxa li fejn hemm is-*soft area* fi triq Tabib Chetcuti, jsiru żewġ *poles* bis-*solar*, jiżdied bank ieħor, u biex issir tabella biex il-vetturi jipparkjaw *front to curb.*
Il-Viċi Sindku qal biex nżidu wkoll dawl fi Pjazza Enrico Mizzi.

Il-membri preżenti qablu li jsir dawl normali, suppost id-dawl diġa preparat, fiż-żewġ żoni.

### 4.4.20 – Motorcyle Bay

Il-Kunsillier Gatt ssuġerixxa biex jsiru żewġ *parking spaces* għal muturi, fi Triq Kungress Ewkaristiku. Il-membri preżenti ma qablux għax nkunu qed ineħħu żewġ parkeġġi ta' vetturi, meta mutur jista jipparkja f'*parking bay* ta' karozza.

### 4.4.21 – Lista ta' xogħol

Il-Kunsillier Deguara staqsa kemm wieħed jrid jistenna biex ix-xogħol jsir. Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li meta nridu xogħol u/jew risposti min entitajiet oħrajn, ma tistax tgħati data. Fejn jidħol xogħol li jista jsir mil-handyman tal-Kunsill dan jipprova jgħamlu malajr kemm jista jkun, jiddependi min xogħol ieħor u skont l-urġenza. Is-Segretarju Eżekuttiv fakkret li dawn l-aħħar ġimgħa / ġimgħatejn, il-handyman tal-Kunsill kien qed jaħdem fuq xogħol relatat mal-festa.

Il-Kunsillier Deguara staqsa fuq triq il-Piżatur li qegħda f'żona industrijali, u x'ser jsir fuq it-tindif. Is-Sindku nfurmat li għandna laqgħa mad-Direttur tad-DLG u l-MIP nhar is-27 ta' Awwissu.

Il-Kunsillier Deguara staqsa dwar il-*parking* fi Triq Nerik Mizzi biex jsir *slanting,* ħalli jkunu jistaw jipparkjaw iktar vetturi. Is-Segretarju Eżekuttiv reġet fakkret li għalkemm tibda taħdem min qabel fuq xogħol relatat mal-minuti ta' l-aħħar laqgħa, fil-verita suppost tistenna li jiġu approvati fil-laqgħa ta' wara, qabel ma jibdew ix-xogħolijiet. Il-Viċi Sindku qal lis-Sur Deguara li kien irrispondieħ fuq din il-materja ta' parkeġġ, u ma jistax jsir kif qed jissuġġerixxi il-Kunsillier Deguara, għax vetturi huma dejjem obbligati jipparkjaw *front to curb.*
Is-Segretarju Eżekuttiv ħadet nota biex jsiru t-tabelli biex vetturi jipparkjaw bl-*exhaust* il-barra.

### 4.4.22 – PAMA
Il-Kunsillier Cassar saqsa lis-Sindku għal-*update* f'hiex waslu l-bankini, fejn saru u x'fadal.

### 4.4.23 – Ġnien Kevin Vella
Il-Kunsillier Cassar qal li fuq Ġnien Kevin Vella, il-Planning Authority talbet li jsir *site survey* minħabba l-ġibjun. Il-Perit Buhagiar (PAMA) kellu jgħamel dan is-*survey.*
Il-Viċi Sindku, ħa jiċċekja jekk dan sarx.

### 4.4.24 – Monument ta' l-Iljun
Il-Kunsillier Cassar qal li bħala funtana konna pprovdejna kwotazjonijiet min *engineer* li qabbad il-Kunsill, għax il-Med Design ma sabux enginiera, qbajna ma smajna xejn u rridu niġru wara l-Med Design.

### 4.4.25 – Ktieb
Il-Kunsillier Cassar nforma li dwar il-ktieb li ħa jipprintja l-PAMA, kemm jgħaddi xi affarijiet oħra lil Viċi Sindku.

Il-Kunsillier fakkar li dawn il-proġetti l-PAMA kellu jlestihom sa Mejju 2019, hemm bżonn nirsistu li għal-inqas jitlestew sa l-aħħar tas-sena, jekk le nitolbu lil Planning Authority biex tintervjeni.

### 4.4.26 – Proġetti toroq
Il-Kunsillier Cassar qal li t-tender ġie *awarded* biex jsiru dawn it-toroq b'fondi li l-Kunsill kien applika għalihom.

Dawn it-toroq huma:
- Triq Dun Mikiel Xerri
- Triq il-Ġnejna
- Triq Charles J. Vassallo
- Sqaq Xorxa
- Sqaq San Anton Abbati nru: 3

Il-permessi ta' Transport Malta u tal-Planning Authority qegħdin f'idejna, jonqos biss li nipreżentaw il-proġett lil PA kif ser jsir, jtuna il-*go ahead,* u napplikaw mal-Planning Authority biex jtuna l-fondi, biex jkun jista jibda x-xogħol.

Il-Kunsillier Cassar nforma li-toroq il-Bonnijiet u l-Bajtar, dawn kemm napplikaw għal Works Permit biex jibdew ix-xogħolijiet ta' tarmac u bankini.

**4.4.27 – Parkour, Outdoor Gym u Playing Field Zokkrija**

Il-Kunsillier Cassar qal li l-Parkour Park, t-tender ġie *awarded* u l-Planning *permit* f'idejna. Kien hemm *email* biex nikkjarifikaw fuq id-Development fund. Is-Sindku nfurmat li is-Sa. L. Zammit Tabone qed tieħu ħsieb.

Il-Kunsillier Cassar qal li fuq l-istess *email* kien hemm wkoll fuq l-*outdoor gym* u l-*playing field* taż-Żokkrija. Dawn l-istess kemm talbu biex il-BOQ's jkunu separati, u jtuna l-*go ahead* mil-Planning Authority.

Is-Sindku nfurmat li dawn lesti, u kull ma jonqos huwa li l-kuntrattur u s-supplier jiltaqaw. Is-Sindku nfurmat wkoll li l-Perit bgħat *quote update* tal-*playing field*, peress li l-bandli tal-Blata l-Għolja jista jkun mhux *certificable,* allura l-pjan kien li jitressqu xi bandli.
Il-Kunsillier Cassar fakkar, biex noqgħodu attenti għax jekk nibdlu affarijiet mil-proġett li diġa approvati, nistaw nitilfu l-fondi.

**4.4.28 – Niċċeċ**

Il-Kunsillier Cassar fakkar li l-back office qegħdin jiġru wara l-Perit biex jibda l-evalwazzjoni għax inkella nistaw nitilfu l-fondi. L-applikazzjoni tal-permess diġa f'idejna u fondi approvati. Kemm jibda x-xogħol kif jiġi evalwat t-tender.

**4.4.29 – CCTV's**

Il-Kunsillier Cassar qal li qed jara l-pagament tas-CCTV's, u jonqos is-*supply* tad-dawl f'Sta. Margerita u *supply* ta' *interne*t f'kull ġnien. F'tal Ġnien Reggie Cilia kemm nikkonfermaw mal-Paroċċa jekk solvewx il-problema tal-plakkek.
Is-Segretarju Eżekuttiv ħadet nota, biex wkoll tikkonferma li qegħdin *in-line* fejn jidħol GDPR. Irridu wkoll qabel ma jinxtellgħu nwaħħlu tabelli li diġa ġew ordnati.

**4.4.30 – Ħitan tas-Sejjieħ**

Il-Kunsillier Cassar qal li bħala Kunsill qed nistennew minn naħa tal-Perit tal-Kunsill.

**4.4.31 – Public Toilets**

Il-Kunsillier Cassar qal li t-tender kien lest min naħa tal-Perit tal-Kunsill, jrid jiġi ppublikat it-tender. Kif wkoll ssir l-applikazzjoni ta' *road work permits.*
Il-Viċi Sindku ssuġġerixxa li ssir laqgħa mal-Perit tal-Kunsill għax hemm ħafna trufijiet ta' proġetti li rridu ngħalqu u nmexxu fuqhom.

**4.4.32 – Tenders skaduti**

Il-Kunsillier Cassar qal li hemm bżonn nibdew naħdmu fuq *tenders* skaduti, dak tal-handyman, bankini, *road markings* u *contracts manager*. Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li tal-Contracts Manager *on-hold*, peress li ħa ssir konferenza stampa nhar it-28 ta' Awwissu.

**4.4.33 – Titlu ta' Belt**

Il-Kunsillier Cassar talab biex niġru wara l-Membri Parlamentari u l-Onor. Speaker biex il-Mosta ssir Belt.

**4.4.34 – Ktieb Musta-Raħal Twelidi**

Il-Kunsillier Cassar talab permess biex nibdew naħdmu fuq it-tieni volum tal-ktieb Musta-Raħal Twelidi. Is-Sindku nfurmat li jista jmexxi.

#### 4.4.35 – Street Naming Committee

Il-Kunsillier Cassar qal li f'Ġunju s-Street Naming Committee kien wegħdna li ħa jmexxi fuq parti min Triq il-Kbira biex tissemma triq il-Bażilika. Dawn jiltaqaw darba fix-xahar u għalhekk irridu niġru warajhom. Kif wkoll iriduna li nsibu triq għal-Freddie Micallef imbagħad jtuna l-approvazzjoni għal-kollox.

#### 4.4.36 – Tintinnabru

Il-Kunsillier Cassar talab lis-Sindku biex tibqa tirsisti mad-Direttur Ġenerali s-Sur Attard u d-Direttur s-Sur Galea tad-DLG li dan huwa mafkar u mhux donazzjoni. Il-Kunsillier Cassar offra li jista jattendi mas-Sindku jekk jkun ser ikollha laqgħa fuq din il-materja.

#### 4.4.37 – Tables and Chairs u Gabbani

Il-Kunsillier Cassar talab lil Viċi Sindku biex għas-sena d-dieħla jkollna pjanta ġdida għal-applikazjonijiet tat-*tables and chairs,* minħabba l-istabilimenti ġodda li fetħu.

Il-Kunsillier Cassar talab kemm ħriġna permessi għaż-żmien tal-festa lil-tal-gabbani, u kemm ħallsu.

#### 4.4.38 – Big Screen

Il-Kunsillier Cassar staqsa dwar il-*big screen* kif kellna s-sena l-oħra. Il-Kunsillier Camilleri qal li s-Sur Micallef ma xtaqx jgħamlu fuq il-bejt għax ma tgawdhiex. Ipruvaw jsibu post alternattiv, pero ma nstabx post addattat.

#### 4.4.39 – Festa Qargħasel

Il-Kunsillier Cassar staqsa jekk il-*budget* ta' Festa Qargħasel ġiex approvat jew le. Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li huwa l-istess bħal tas-sena l-oħra, u / jew inqas. Il-Budget tas-sena l-oħra kien madwar 12,000 Ewro.

#### 4.4.40 – Walking Club

Il-Kunsillier Cassar nforma lil-Kunsillier Zerafa li s-sena l-oħra bdiet inizjattiva tal-*walking club.* L-ideja tal-Kunsill kienet li jiġi *outsourced* persuna li tieħu ħsieb. Kien hawn entużjażmu kbir għal dan il-*walking club*, u talab lil Kunsillier Zerafa biex jerġa jgħati l-ħajja lil dan il-*walking club.*

#### 4.4.41 – WM Environmental Ltd

Il-Kunsillier Cassar staqsa kif bqajna. Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li trid issir laqgħa. Il-Kunsillier Cassar talab lis-Sindku u ta' parir biex ma t'approvax li din il-kumpanija tieħu pagament ta' ħlas meta dan seraq il-Kunsill u l-Mostin billi ma onorax il-kuntratt ta' xogħol li kien mitlub jgħamel.

### 4.5 Rapporti

#### 4.5.1 Awarding of Tender KLM T04/2019- Lease of Low Emission Double Cab Tipper Van for the Mosta Local Council

Din il-materja ħa tiġi diskussa fil-laqgħa li jmiss.

#### 4.5.2- Ingaġġ ta Tlett Skrivani Full Time Scale 15

Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat lil membri preżenti li wara li ircevjna l-approvazzjoni mid-DLG kif ukoll mill-Jobs Plus ħrigna sejħa internament mal-Kunsill tagħna li għalqet fid-19 ta'

Awwissu 2019 fejn ma applika ħadt. Issa ħriġna sejħa inetrnament mal-Kunsilli Lokali kif ukoll mar-Reġjuni. Din tagħlaq fit-30 ta' Awwissu f'nofsinhar.

**4.5.3-Quarterly Report 2- April to June 2019**

L-Accountant Galea ta' rendikont tal- Quarterly Report 2 minn April sa Ġunju 2019.

Għalkemm qegħdin b'FSI ta' 47%, u jsiru estimi ta' kontijiet li għad irridu nirċievu, fejn jidħlu kontijiet tal-Perit u l-kuntrattur fuq *patching* dawn huma vagi.
Din hija problema li ilna ħafna għadejjin biha għalkemm sia l-Perit u l-Kuntrattur ġew avviċinati biex jiprovdu l-kontijiet mingħajr dewmien, xorta għadna fl-istess sitwazzjoni u hemm bżonn li dawn jingħataw *deadline* u jittieħdu l-passi neċesarji. Il-Kunsillier Cassar nforma lil membri li l-Perit u l-kuntrattur qed jwaħħlu f'xulxin, u għalhekk hemm bżonn ta' Contracts Manager mil-aktar fis possibli, biex dan ix-xogħol jkun jista jikkwantifikaħ u jkejjel.

Fis 7:15pm, Is-Sur Galea telaq mil-laqgħa wara li spiċċa jispjega l-Quarterly Report.

**4.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni**

**4.6.1 Skeda ta' pagamenti**

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill, l-iskeda ta' pagamenti numru 94.
Il-membri tal-Kunsill approva b'mod unanimu l-iskeda ta' pagamenti datata 23 ta' Lulju sat-21 ta' Awwissu 2019.

**4.6.2 Purchase Orders**

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill Il-lista tal-purchase orders.
Il-membri tal-Kunsill approvaw unanimament.

**4.6.3 Works Orders**

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill il-lista tal-works orders.
Il-membri tal-Kunsill approvaw unanimament.

**4.6.4 Petty Cash**

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill Il-lista tal-petty cash.
Il-membri tal-Kunsill approvaw b'mod unanimu Il-listi tal-petty cash li tkopri xahar ta' Lulju 2019.

**4.6.5 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħa intemmet fid-9:37 ta' filgħaxija, u ġiet aġġornata għat-3 ta' Settembru 2019 fis-6:00p.m.

Konfermati llum 21 ta' Awwissu 2019.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATI | IFFIRMATI |
| Romilda Baldacchino Zarb | Lorraine Templeman |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |